KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 63

It-Tlieta u sittin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tnejn 12 ta' Dicembru 2016 fis-6.15pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI B'APPOLOGIJA** **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Kris Busietta | Vici Sindku |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

*63.1 Qari tal-ittri ta' apologiji*
*63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*
*63.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*
*63.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*
*63.5 Rapporti*
*63.6 Approvazzjoni ta' draft budget 2017*
*63.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati*
*63.8 Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Iskeda ta' pagamenti*

*63.9 Mozzjonjiet u*
*63.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 63.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

63.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku.

63.1.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li skont Art. 18 tal-ligi tal-Kunsilli Lokali, qieghed javza lis-Sindku u l-Kunsill Lokali illi l-Vici-Sindku b'din il-laqgha issa ser ikun naqas illi jattendi aktar min terz tal-laqghat msejjha fl-ahhar sitt xhur. Il-Kunsilliera V. Galea Pace innotat illi tali assenza kienet gustifikata peress illi l-Vici-Sindku dejjem avza bil-miktub li ma setghax jattendi minhabba ragunijiet ta' xoghol. Il-Kunsill qabel. *Attendenza tal-laqgħat*

*Daħlu l-Kunsilliera L. Cassar Shaw u N. Castaldi Paris għas-seduta fis-6.20pm*

## 63.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

63.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazzjoni.

63.2.2 Is-Sindku rrefera għal punt 3.9 u talab korrezzjoni kif ġej: 'Iz-zieda ħadnija wara li d-DLG għamel rivizjoni tan-numru ta' residenzi f'Tas-Sliema.'

63.2.3 Il-Kunsilliera M. Aquilina irreferiet għal punt 62.3.12 u talbet li ssir korrezzjoni kif ġej: 'qalet li dispjaċuta illi ċerta deċizjonijiet qed jitwettqu qabel jitressqu Kunsill. Il-Kunsilliera V. Galea Pace qablet.'

63.2.4 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif emendati. Il-Kunsillier P. Radmilli issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti 62_28/11/2016*

## 63.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINKDU

63.3.1 Is-Sindku irrefera għall-punt 62.3.1 dwar thawwil ta' siġar fi Triq Dingli. Is-Sindku informa li l-perit għandu jipprepera l-pjanti u dokumenti neċessarji għall-applikazzjoni mal-PA. *Siġar – Triq Dingli*

63.3.2 Is-Sindku irrefera għall-punt 62.3.2 dwar l-*outdoor gym*. Gie nnotat li hemm spazzju bejn il-ħadid li huwa perikoluz. Il-Kunsill għandu jara dan biex jiġi evitat il-perikolu. *Outdoor gym*

63.3.3 Dwar punt 62.3.5 dwar it-tender tad-dawl, is-SE informa li rċieva t-tweġiba mid-DLG u qara l-ittra. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi sa' Jannar 2017 jekk għandux jissieħeb ma numru ta' Kunsilli jew le dwar dan it-tender. Dan, fid-dawl, li r-Regjun diga informana illi ma kienx f'posizzjoni li johrog it-tender huwa stess. *Tender tad-dawl*

63.3.4 Il-Kunsill ġie infurmat mis-Sindku li t-tizjin tal-Milied tax-Xatt (minn quddiem Black Gold) huma armati u jonqos biss li jinxtgħelu mill-Enemalta. *Tizjin tal-Milied*

63.3.5 Dwar punt 62.3.11 il-Kunsill ġie infurmat mis-SE li beda s-servizz ta' ġbir ta' skart f'Fort Cambridge permezz ta' skips kif kien maqbul. *Gbir ta skart – Fort Cambridge*

63.3.6 Dwar punt 62.3.12 il-Kunsill ġie infurmat mis-Sindku li l-laqgħa dwar wirt storiku Slimiz saret u bi spiza ta' madwar €200 biss. Kien hemm attendenza tajba. *Historical Architecture talk*

63.3.7 Dwar punt 62.3.16 dwar il-kiri ta' garaxx għal *store* is-SE kellem zewġ kuntratturi oħra u informa li sa nofs Jannar il-Kunsill irid jiddeċiedi għaliex irid joħroġ minn dak ta Triq Manwel Dimech. Is-SE informa li sab b'irħas fl-Imsida. Heggeg lill-Kunsilliera illi jekk jafu b'xi store, jghaddu l-kuntatt sabiex tintalab stima ta' kerha. Kiri ta' garaxx

63.3.8 Dwar punt 62.3.17 dwar ir-rampa ta' San Girgor, is-SE informa li kiteb lill-perit. Informa wkoll li l-Kazin ta' San Girgor bgħatu risposta li mhux jaccettaw tali pozizzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li r-rampa jrid jkollha ċertifikazzjoni mit-TM. Il-Kunsillier M. Briguglio zied jgħid li l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita għandhom japprovaw ukoll. Is-SE wieġeb li KNPD bgħatu l-*ispecifications* kif għandha tkun. Is-Sindku għandu jkellem lill-KNPD, izda l-Kunsill ghandu jirelaxxa l-pagament la darba tali bankina hi certifikata bhala *compliant* min Transport Malta. *Rampa – San Girgor*

63.3.9 Is-Sindku irrimarka li hemm site fi Triq Sant' Enriku li hija abbandunata u hemm ħafna skart fiha. Il-Kunsill diga irraporta lis-Sanita, Planning Authority u Pulizija peress li din hija propjeta privata. Il-Kunsilliera M. Aquilina issuġġeriet li l-Kunsill iwaħħal xi injam mal entratura sabiex ma jintefax aktar skart. Is-Sindku qal li għalhekk qiegħed jitlob deċizjoni peress li din hija privata imma fl-istess ħin hin ma jistax jibqa jiġi akkumulat l-iskart gewwa dan is-sit abbandunat. Is-Sindku sema li hemm kaz simili fi Triq Emilio Lombardi. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li la darba tibqa fuq bankina *Postijiet abbandunati*

ma tkunx dħalt fil-propjeta privata, u allura tista tibni hajt temporanju quddiem l-entratura. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jieħu parir mill-avukat jekk il-Kunsill jistax jibni ħajt biex ma nidħlux fil-propjeta u fl-istess ħin nevitaw li jinġema l-iskart.

63.3.10 Dwar dan il-punt, il-Kunsillier M Briguglio talab li jinghata kopja tal-applikazzjoni ghas-*sanctioning* tal-planter ta' *Club Lounge*.

63.3.11 Dwar punt 62.3.19 dwar fondi SAF 2016 il-Kunsilliera ġew infurmati li se ssir laqgħa mal-Onor. Stefan Bontempo nhar l-Erbgħa f'nofs in-nhar il-Belt għal min irid jattendi. *SAF 2016*

63.3.12 Dwar punt 62.3.18 dwar network conference is-SE informa li l-email intbgħatet. *Network conference*

*Daħal il-Kunsillier J. Pillow fis-6.45pm għas-seduta*

63.3.13 Dwar punt 62.4.10 dwar Regina *carpark*, is-Sindku informa li l-appell intilef, izda zied li dan is-sit ser jigi zviluppat is-sena id-diehla, b'hekk is-sitwazzjoni prezenti mhux se ddum wisq aktar. *Regina carpark*

63.3.14 Il-Kunsillier P. Portelli informa li hemm l-kumpanija ta' Ferrero Roche u se jagħmlu ornament għal zmien il-Milied fi Pjazza Sant'Anna. Kien hemm qbil li nitolbu xi donazzjoni b'risq il Caritas.

## 63.4 TWEGIBIET GHALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

63.4.1 Ma kienx hemm aktar kummenti.

## 63.5 RAPPORTI

63.5.1 Ma kienx hemm aktar rapporti.

## 63.6 APPROVAZZJONI TA' DRAFT BUDGET 2017

63.6.1 Is-SE ipprezenta d-*draft budget* li gie preparat minnhu u l-accountant tal-Kunsill. Il-Kunsilliera jistgħu jibgħatu emmendi tagħhom permezz ta' email. Is-SE qal li l-Kunsilliera ghandhom jifmhu li jekk iridu jzidu vot ta' fondi fuq oggett, dan irid jitnaqqas min vot ta' oggett iehor.

63.6.2 Is-SE spjega wkoll li dan huwa *draft budget* u se jiġi prezentat lir-residenti fl-laqgħa annwali li se ssir apposta fil-15 ta' Dicembru 2016.

63.6.3 Is-SE informa li l-allokazzjoni zdiedet b'€100,000 ghas-sena 2017.

*Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw ħarġet mis-seduta 19.22*

63.6.4 Il-Kunsilliera M. Aquilina irrimarkat li qegħda tisma b'ħafna tgergir dwar il-manutenzjoni tal-latrini pubbliċi u l-Kunsill irid jara x'jista jagħmel.

63.6.5 Is-SE talab lill-Kunsilliera jiddeċiedu dwar il-fondi allokati għal *architect u engineering services,* peress li dawn qeghdin kull ma jmur jizdiedu minhabba certu decizjonijiet li l-Kunsill ha ricentament.

*Daħlet lura għas-seduta 19.22 il-Kunsilliera L. Cassar Shaw.*
*Il-Kunsillier P. Portelli ħareġ mis-seduta fis-19.28*

63.6.6 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni biex il-Kunsill jara ta' x'hiex qiegħed jitħallas Med Developers tal-€500 fix-xahar. Is-SE informa li hemm mnizzel fil-kuntratt. Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa dwar *screening* tal-applikazzjonijiet mal-PA u jaqbel li l-perit għandu jkun *pro active* u jinforma lill-Kunsill hu stess b'kazijiet relatati. Kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-perit sabiex jiġi dikuss dan.

63.6.7 Ġie nnotat li l-attivita Tas-Sliema Wirt u Niesha giet finanzjata kwai kollha mill-fondi tal-Kunsill, u li ftit ingabbru *sponsorships*. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw taħseb li għandu jkun hemm kumitat organizzativ. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw proponiet li nqabbdu lil xi ħadd u jkollu inċetiv u jieħu perċentaġġ għal kull *sponsorship* li jġib. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil dwar dan fost il-Kunsilliera prezenti u eventwalment isiru *interviews* u l-kuntratt ikun on *commission basis*.

63.6.8 Is-SE fakkar li l-Kunsilliera jistgħu jibgħatu aktar proposti permezz ta' email dwar id-*draft budget* sabiex jiġi approvat bhala finali fi Frar 2017.

**63.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONITAR-RAPPORTI TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

63.8.1 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw fakkret li s-sena l-oħra kellna diversi ilmenti dwar l-*ispeakers* fit-toroq għal zmien il-Milied. Kien hemm qbil li dan jinzamm baxx u jintefa f'ċertu ħinijiet.

63.8.2 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw u l-Kunsillier M. Briguglio ikkumentaw dwar l-istat tal-bandli ta' Qui Si Sana. It-tapiti mqatgħin, bandli mkissrin u msaddin eċċ. Kien hemm qbil li tintalaq stima tal-ħsarat li hemm.

63.8.3 Il-Kunsilliera V. Galea Pace staqsiet jekk il-proġetti li kienu mressqa waqt seduti tal- Kunsill ġewx inkluzi jew le fil budget. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-vot ghalll-manutenzjoni ta' toroq u bankini hu dak li hu, u huwa f'idejn il-Kunsill li jiddecciedi issa f'liema toroq ghandu jonfoq dawk il-flus.

63.8.4 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-bankijiet li kienu nqallgħu mix-Xatt (fejn il car park). Qal ukoll li fejn twaħħlu l-*bicycle racks* ix-Xatt ma kienx fejn miftihem. Is-SE għandu jiċċekkja mad-drawings u jinforma.

**63.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

63.9.1 Il-Kunsillier P. Radmilli propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil għall-approvazzjoni fost il-Kunsilliera prezenti.

**63.10 MOZZJONIJIET**

63.10.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**63.11 TMIEM TAL-LAQGHA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

63.11.1 Is-seduta intemmet fit-20.15. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tlieta 24 ta' Jannar 2017 fis-6pm

Minuti approvati llum 24/01/2017

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Matthew Dimech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |